

Il-Kuntest tal-Politika

Il-faqar huwa problema multidimensjonali kumplessa li tmur lil hinn minn nuqqas bażiku ta' riżorsi għas-sopravivenza u testendi għaċ-ċaħda ta' attivitajiet ċivili, soċjali u kulturali, kif ukoll opportunitajiet għal impenn politiku u mobilità soċjali (il-Kunsill tal-UE, 2007). In-nisa jirċievu dħul aktar baxx meta mqabbel mal-irġiel u dan ippoġġihom f'riskju akbar ta' faqar.

L-Istrateġija Ewropa 2020

- Għandha l-għan li tiżviluppa tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv fl-UE permezz tal-ħolqien tal-impjiegi u t-tnaqqis tal-faqar.
- Tistabbilixxi l-mira ewlenija li toħroġ tal-anqas 20 miljun persuna mill-faqar u l-esklużjoni soċjali sal-2020.

Il-pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali

- Waħda minn seba' inizjattivi ewlenin ta' Ewropa 2020 din hija wieħed mill-istrumenti prinċipali għall-protezzjoni u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali tan-nisa. Din tapplika l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri għall-inizjattivi prinċipali tagħha bħall-promozzjoni tal-indipendenza ekonomika ugwali, il-valutazzjoni ta' differenzi fl-intitolamenti għal-leave relatati mal-familja u l-monitoraġġ tat-traspożizzjoni tad-direttivi eżistenti relatati mal-intitolament tal-leave tal-familja.

Il-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020)

- Jafferma mill-ġdid l-impenn tal-Kunsill biex jissodisfa l-ambizzjonijiet tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, b'mod speċjali fi tliet oqsma rilevanti għall-ugwaljanza bejn is-sessi: jiġifieri, l-impjeg, l-edukazzjoni u l-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali b'mod partikolari permezz tat-tnaqqis tal-faqar.

L-objettivi strateġiċi tal-BPfA u l-indikaturi tal-UE

Fl-2007, il-Kunsill qabel fuq tliet indikaturi għall-Ewropa kollha inklużi żewġ subindikaturi biex jitkejjel il-progress fl-UE dwar l-implimentazzjoni tal-objettivi tal-BPfA. Dawn iħarsu lejn ir-rata ta' persuni f'riskju ta' faqar skont l-età, is-sess u t-tip ta' unità domestika, inklużi ġenituri

- A.1** Li jiġu riveduti, adottati u miżmumin il-politiki makroekonomiċi u l-istrateġiji ta' żvilupp li jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-isforzi tan-nisa fil-faqar.
- A.2** Li jiġu riveduti l-liġijiet u l-prattiki amministrattivi biex jiġu żgurati d-drittijiet ugwali tan-nisa u l-aċċess tagħhom għar-riżorsi ekonomiċi.
- A.3** Li n-nisa jingħataw aċċess għal mekkaniżmi u istituzzjonijiet tat-tfaddil u l-kreditu.
- A.4** Li jiġu żviluppati metodoloġiji bbażati fuq is-sessi u li titwettaq riċerka li tindirizza l-femminizzazzjoni tal-faqar.

waħedhom bi tfal dipendenti u lejn ir-rati ta' inattività skont l-età u s-sess.

Il-bażi tad-dejta "Women and men in the EU — facts and figures" ("In-nisa u l-irġiel fl-UE — fatti u figuri") żviluppata mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi tagħti l-aktar dejta u informazzjoni reċenti dwar dawn l-indikaturi, disponibbli fuq: <http://eige.europa.eu/content/women-and-men-in-the-eu-facts-and-figures>

Is-sejbiet mid-dejta minn madwar l-UE kollha

Ir-rata ta' persuni f'riskju ta' faqar żdiedet


Fl-2012, 17 % tal-popolazzjoni tal-UE kienet f'riskju ta' faqar, bin-nisa f'riskju ftit ogħla ta' faqar mill-irġiel. Dan huwa parzjalment spjegat mill-fatt li, madwar l-Ewropa, in-nisa jirċievu paga aktar baxxa u jaħdmu f'kundizzjonijiet tax-xogħol inqas tajbin mill-irġiel, u huwa iktar probabbli li jkunu qegħdin jaħdmu part-time, b'kuntratti b'terminu definittiv jew li jkunu nieqsa mix-xogħol minħabba raġunijiet relatati ma' kura tal-oħrajn.

Flimkien ma' żieda żgħira fir-riskju ta' faqar kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel (żieda ta' 0.2 p.p.) mill-2007, id-disparità bejn is-sessi naqset għal ftit iktar minn 1 % fl-2012. Jekk iż-żieda medja hija moderata fl-UE kollha, hemm madankollu żieda sinifikanti fir-riskju ta' faqar f'żewġ terzi tal-Istati Membri, b'mod partikolari dawk l-aktar milqutin mill-kriżi.

Il-kejl tar-riskju ta' faqar huwa relattiv għall-qligħ medjan. Bħala riżultat, dan jista' jonqos milli jqis bi sħiħ il-livell ta' faqar fl-Istati Membri fejn kien hemm tnaqqis fid-dħul.



IL-PERĊENTWAL TA' NISA U RĠIEL LI QEGĦDIN JGĦIXU FIL-FAQAR FL-UE, 2007–2012



Sors: Eurostat, EU-SILC

L-età hija fattur sinifikanti biex tkun f'riskju ta' faqar

Iż-żgħażaġh li għandhom bejn is-16 u l-24 sena huma fl-akbar riskju ta' faqar (24 % fl-2012 fl-UE), li żdied sa mill-2007 fil-maġġoranza tal-Istati Membri. Iż-żgħażaġh nisa ta' dan il-grupp ta' etajiet għandhom aktar probabbiltà li jkunu f'riskju ta' faqar (disparità bejn is-sessi ta' 1.6 p.p. fl-2012), li tirrappreżenta disparità bejn is-sessi ftit ogħla minn dik tal-popolazzjoni sħiħa.

Ir-rata tar-riskju ta' faqar ta' nisa li għandhom bejn il-25 u d-49 sena — is-snin prinċipali għat-trobbija tat-tfal — taqbeż dik tal-irġiel f'19-il Stat Membru tal-UE, filwaqt li d-differenzi bejn in-nisa u l-irġiel huma relattivament żgħar fl-UE kollha.

L-età hija assoċjata ma' disparità dejjem tikber bejn is-sessi għall-persuni f'riskju ta' faqar. In-nisa anzjani (li għandhom iktar minn 65 sena) huma ferm aktar f'riskju ta' faqar mill-irġiel anzjani (16 % meta mqabbla ma' 12 % fl-2012). Aktar minn nofs it-28 Stat Membru (17) għandhom disparitajiet bejn is-sessi fil-pensjonijiet akbar minn 30 % (39 % fl-UE). Din id-disparità kbira bejn is-sessi tista' tiġi attribwita għall-effett kombinat tal-qligħ aktar baxx tul ħajjithom u l-kontribuzzjonijiet soċjali aktar baxxi jew interrotti tan-nisa relatati mad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, il-prevalenza akbar ta' xogħol part-time u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali interrotti matul it-tqala u minħabba responsabbiltajiet ta' kura.

Li tkun persuna waħedha jew b'mod speċjali ġenitur waħdu jżid ir-riskju ta' faqar

Madwar l-UE, 25 % tal-persuni waħedhom kienu fir-riskju ta' faqar bin-nisa waħedhom f'riskju ftit ogħla ta' faqar

mill-irġiel (26 % għal 25 %) fl-2012. Id-disparità bejn is-sessi ta' persuni f'riskju ta' faqar naqset mill-2007, l-aktar minħabba li aggravat is-sitwazzjoni tal-irġiel waħedhom (minn 22 % fl-2007 għal 25 % fl-2012), b'mod partikolari f'għaxar Stati Membri.

Ir-riskju ta' faqar ifeġġ meta jkun hemm tfal dipendenti fl-unità domestika u jiżdied meta jkun hemm aktar tfal dipendenti. Fl-2012, ir-rata ta' persuni f'riskju ta' faqar fost ġenituri waħedhom li l-maġġoranza tagħhom huma nisa, laħqet l-34 % u kompliet tpoġġi l-ġenituri waħedhom f'riskju ogħla ta' faqar meta mqabbla ma' persuni waħedhom mingħajr dipendenti. Ħafna ġenituri waħedhom iridu jikkombinaw it-trobbija u l-kura tat-tfal max-xogħol li jista' jwassal għal impjieg aktar prekarju, b'paga baxxa, b'livell aktar baxx ta' protezzjoni soċjali. Id-dħul aktar baxx għan-nisa kif indikat mid-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, jesponi lill-ommijiet waħedhom/lill-persuni li jip-provdur kura waħedhom esposti aktar għall-faqar.


Ċerti gruppi ta' nisa fl-UE huma partikolarment esposti għall-faqar, bħall-ommijiet waħedhom, in-nisa minn minoranzi etniċi, in-nisa migranti, in-nisa ta' età żgħira u daww anjani. Dawn il-gruppi jeħtieġu l-adozzjoni ta' miżuri speċjali li jindirizzaw il-faqar.

L-attività ekonomika aktar baxxa tan-nisa hija fattur sinifikanti biex persuna tkun f'riskju ta' faqar

Proporzjonalment hemm aktar nisa minn irġiel li huma ekonomikament inattivi madwar l-Istati Membri. Sa mill-2007, il-proporzjon ta' nisa u rġiel ekonomikament inattivi fl-età minn 15 sa 64 sena naqas fl-Istati Membri. Dan it-tnaqqis kien ogħla għan-nisa, u b'hekk naqqas xi ftit



IR-RAĠUNI EWLENIA GĦALIEX IN-NISA U L-IRĠIEL LI GĦANDHOM BEJN IL-15 U L-64 SENA MA JFITTUX XOGĦOL FL-UE, 2012



Sors: Eurostat, EU-LFS

id-disparità fl-inattività bejn is-sessi fil-livell tal-UE għal dak il-perjodu. Madankollu, il-proporzjon ta' nisa inattivi fl-2012 xorta kien b'mod konsiderevoli oġġla minn dak tal-irġiel u n-nisa kienu tal-anqas sitt darbiet aktar probabbli li jkunu inattivi minħabba kura tal-oħrajn jew responsabbiltajiet oħra tal-familja.

L-impjieg huwa kruċjali għall-indipendenza ekonomika tan-nisa u l-irġiel. L-inattività u l-impjieg interrott iżidu r-riskju ta' faqar għan-nisa. In-nisa għandhom aktar probabbiltà li jiffaċċjaw dipendenza ekonomika u x-xejriet tal-karriera tagħhom jistgħu jwasslu għal livell aktar baxx ta' dħul u protezzjoni soċjali aktar 'il quddiem fil-ħajja.

Is-sejbiet mill-ħidma tal-EIGE dwar prattiki tajbin:

Il-Mara Rurali: L-Impjieg u Teknoloġiji Ġodda — Spanja

Il-proġett "Il-mara rurali: l-impjieg u teknoloġiji ġodda" jinvolti tmien gruppi ta' azzjoni lokali f'ħames reġjuni Spanjoli — Andalusia, Asturias, Castilla-La Mancha, Castilla y León u Madrid. L-inizjattiva ppromwoviet inizjattivi intraprenditorjali u tal-ekonomija soċjali tan-nisa (kooperattivi, kumpaniji fejn il-ħaddiema huma s-sidien u sħubiji) li jużaw l-ICT. Il-parteċipanti kienu nisa f'żoni rurali li għandhom bejn l-20 u s-60 sena. Il-proġett ta' attenzjoni speċjali lil nisa żgħira, involuti f'attivitajiet informali. Is-suċċess ewlieni tal-proġett kien li appoġġa madwar 1 000 mara, mexxa 11-il kors ta' taħriġ għal 833 minnhom, u stabbilixxa 43 kumpanija ġdida.

Goldrausch — Il-Ġermanja

Goldrausch Frauennetzwerk hija assoċjazzjoni mhux governattiva żgħira li ilha topera fiż-żona ta' Berlin sa mill-1982. L-għan tagħha huwa li tgħin lin-nisa intraprenditriċi f'Berlin biex jistabbilixxu u jinvestu fin-negozji tagħhom stess billi tagħtihom mikrokreditu mingħajr imġax. F'dawn l-aħħar snin ingħatat preferenza lil nisa li għandhom iżjed minn 45 sena u bi sfond migratorju. Il-benefiċjarji kollha jmessu intrapriżi magħmulin minn persuna waħda, il-maġġoranza tagħhom tas-settur tas-servizzi, bħal kożmetiċi, ristoranti, bijoloġisti, ħwienet tal-bejgħ bl-imnut, furnara u servizzi ta' kura tat-tfal. Bejn l-1982 u l-2007 Goldrausch qassmet madwar EUR 850 000 lil iżjed minn 450 mara intraprenditriċi u proġetti f'Berlin. Bejn Settembru 2010 u l-2013, Goldrausch allokat 70 selfa li jammontaw għal EUR 240 000. Ir-rata ta' inadempjenza kienet rata notevolment baxxa ta' 1.3 %.



AVVANZI U OSTAKLI FIL-QASAM A: IN-NISA U L-FAQAR

AVVANZI	OSTAKLI
<ul style="list-style-type: none"> • Dejjem iżjed nisa huma ekonomikament attivi. • Tnaqqis ġenerali fid-disparità bejn is-sessi f'popolazzjonijiet ekonomikament inattivi. • Ommijiet waħedhom u gruppi marġinalizzati ta' nisa jirċievu appoġġ u riżorsi addizzjonali. • Riforzi fl-arranġamenti tal-pensjonijiet biex jakkomodaw ix-xejriet differenti tal-karrieri tan-nisa u tal-irġiel. 	<ul style="list-style-type: none"> • Jibqa' konsistentement iżjed probabbli li n-nisa jgħixu f'riskju ta' faqar iktar mill-irġiel. • Ir-riskju tal-faqar għal unitajiet domestiċi b'ġenitur waħdu żdied fl-UE u n-nisa jibqgħu sproporzjonatament rappreżentati fost l-unitajiet domestiċi b'ġenitur waħdu. • In-nisa jibqgħu dejjem iżjed probabbli li jkunu ekonomikament inattivi mill-irġiel minħabba responsabbiltajiet ta' kura tal-familja. • Ix-xejriet ta' inattività u impjieg interrott iżidu r-riskju tal-faqar għan-nisa.

It-triq 'il quddiem għall-UE

- Li ssaħħaħ il-miżuri li jappoġġaw l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-attività ekonomika.
- Li tintegra l-kwistjonijiet relatati mas-sessi fl-inizjattivi ta' żvilupp ekonomiku.
- Li tippromwovi l-ugwaljanza fl-impjieg biex jinkisbu indipendenza ekonomika u sigurtà finanzjarja ndaqs.
- Li tappoġġa inizjattivi li jżidu l-għarfien dwar l-importanza tal-indipendenza ekonomika tan-nisa għat-tnaqqis tal-faqar.
- Li tindirizza l-effetti ta' karrieri interrotti u xejriet differenti tax-xogħol, bħall-impjieg part-time, fuq ir-riskju ta' faqar għan-nisa matul ħajjithom.
- Li tiżviluppa miżuri ta' politika mmirati lejn gruppi speċifiċi ta' nisa li huma l-aktar f'riskju ta' faqar bħal nisa żgħażaġh/anzjani jew ġenituri waħedhom.
- Li tkompli bir-riforma tal-arranġamenti tal-pensjoni nazzjonali billi titqies id-dimensjoni tas-sessi fl-intitolamenti tal-pensjoni.
- Li tindirizza l-faqar tat-tfal billi tinkludi perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi u approċċ ħolistiku li jiżviluppa sinerġiji bejn l-inklużjoni soċjali u oqsma ta' politika oħra (bħall-edukazzjoni, l-impjieg u l-ugwaljanza bejn is-sessi, is-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-ambjent tal-għajxien) u ma' strumenti oħra (bħall-programmi ta' finanzjament tal-UE).

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) huwa ċ-Ċentru tal-UE ta' għarfien dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. EIGE jappoġġa lil kull min ifassal il-politika u lill-istituzzjonijiet rilevanti kollha fl-isforzi tagħhom biex l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel issir realtà għall-Ewropej kollha u lil hinn, billi tipprovdihom ħila speċifika u dejta kumparabbli u affidabbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa.

Aktar informazzjoni fuq <http://eige.europa.eu>

Iċ-Ċentru ta' Riżorsi u Dokumentazzjoni (RDC) tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi huwa għodda innovattiva u prattika li tgħin biex jinstabu r-riżorsi ewlenin dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, tiffaċilita l-iskambju tal-għarfien fost dawk b'interess fil-politika u l-prattiki dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u toffri spazju onlajn għal diskussjoni u dibattitu.

Aktar informazzjoni fuq <http://eige.europa.eu/content/rdc>



Informazzjoni biex tagħmel kuntatt:

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi
Gedimino pr. 16, LT-01103 Vilnius, LITHUANIA
Tel. +370 52157444, Tel. +370 52157400

[facebook.com/eige.europa.eu](https://www.facebook.com/eige.europa.eu)

twitter.com/eurogender

[youtube.com/eurogender](https://www.youtube.com/eurogender)

<https://eurogender.eige.europa.eu>



ISBN 978-92-9493-276-1

doi:10.2839/558979

MH-04-15-022-MT-N